MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1720/2001/1

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Ottubru, 2001, li fiha, wara li ppremettiet:

1. Illi l-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2308/99 fl-ismijiet *Paul Caruana vs Rudolph Gaerty* gie ezegwit fil-post tax-xoghol fejn l-imsemmi Rudolphe Gaerty huwa impjegat;

2. Illi b'rizultat tal-imsemmi mandat gew elenkati u maqbuda diversi oggetti, skond ma jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala `Dok GS1', liema oggetti ma jappartjenux lil Rudlophe Gaerty izda jappartjenu kollha esklussivament lis-socjeta' attrici, u dan skond ma jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni mahruga mill-Awdituri tas-socjeta' attrici, immarkata bhala "Dok GS2", liema oggetti huma t-*tools of trade* tas-socjeta'

attrici u infatti jinsabu kollha fl-ufficcju li minnu topera s-socjeta’ attrici;

3. Illi ghar-ragunijiet premessi, partikolarment stante illi l-imsemmi mandat ma sarx kontra s-socjeta’ attrici, ghaldaqstant l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid precitat hija zbaljata, monka w irrita u jekk jitkomplew il-proceduri legali ma jkunux konformi mal-ligi tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u inoltre jirrekaw danni ingenti u irreparabbli lis-socjeta’ attrici;

4. Illi ghahekk hemm lok illi l-oggetti maqbuda bl-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat ghandhom jigu dikjarati bhala appartenenti lis-socjeta’ attrici u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-effetti tal-imsemmi mandat;

5. Illi permezz tar-rikors tal-21 ta’ Awissu 2001, il-konvenut Paul Caruana *inter alia* talab illi jigi mahtur Kenneth Azzopardi bhala konsenjatarju u li l-oggetti elenkati fil-mandat pre-citat jigu elevati, liema rikors gie milqugh permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Awissu 2001 apparentement minghajr ma saret ebda notifika lill-intimat Rudolphe Gaerty;

6. Illi ghalkemm is-socjeta’ attrici gharrfet lill-konvenut illi l-oggetti maqbuda bl-effetti tal-mandat fuq imsemmi ma jappartjenux lil Rudolphe Gaerty, izda jappartjenu lis-socjeta’ esponenti, dan baqa’ ma ghamel xejn;

7. Illi s-socjeta’ attrici b’rikors taghha pprezentat kontestwalment mal-presenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta’ Awissu 2001 u li tordna li ma ssir ebda elevazzjoni tal-oggetti elenkati fl-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat pendenti l-ezitu ta’ dawn il-proceduri;

8. Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(i) tiddikjara illi l-oggetti kollha elenkati fl-ezekuzzjoni tal-mnadat ta’ qbid numru 2308/99 fl-ismijiet *Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty* jappartjenu lis-socjeta’ attrici,

(ii) tiddikjara l-ezekuzzjoni tal-imsemmi mandat bhala irrita, nulla u bla effett fil-ligi, u

(iii) tordna illi l-oggetti kollha elenkati fl-imsemmi mandat jigu liberati mill-effetti tal-istess mandat - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tar-rikors ipprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu, b’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, il-gudizzju fil-proceduri odjerni mhux integru stante illi l-persuna illi fil-konfront taghha il-Mandat ta’ Qbid *de quo* gie ezegwit, cioe’ Rudolph Gaerty, jidher illi mhux parti f’dawn il-proeduri u ghalhekk, sabiex l-indagini gudizzjarja tkun kompleta, u ghall-fini ta’ l-ekonomija tal-gudizzju, hemm lok illi jigi kjamat fil-kawza l-istess Rudolph Gaerty;

2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante ill id-dokument ezebit mill-istess socjeta’ attrici bhala Dok GS2, ma jistax jitqies bhala sufficjenti ghall-finijiet ta’ prova dwar il-propjeta’ ta’ l-oggetti hemm elenkati, u f’kull kaz jenhtieg illi tingieb il-prova ta’ l-istess, senjatament ir-ricevuti ta’ l-akkwist ta’ l-istess oggetti;

3. Illi fil-fatt, ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti kif dedotti, in kwantu l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid *de quo* fil-konfront ta’ l-oggetti u effetti ndikati mis-

socjeta’ attrici, kienet wahda addizzjonali ghall-ezekuzzjoni originali, u l-istess Mandat kien gie ezegwit ukoll f’diversi okkazzjonijiet ohra u fil-konfront ta’ diversi oggetti u effetti ohra li ma sar l-ebda referenza ghalihom fic-Citazzjoni odjerna, b’dan illi t-tieni talba attrici ghandha, semmai, tigi akkolta limitatament ghall-ezekuzzjoni ta’ l-istess Mandat fil-konfront ta’ l-oggetti li saret referenza ghalihom mis-socjeta’ attrici fl-imsemmi dokument immarkat bhala Dok GS2.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta’ Frar, 2002, li fih il-konenut iddikjara li ma kienx qed jinsisti izjed, f’dak l-istadju, ghas-sejha fil-kawza tal-esekutant Rudolph Gaerty;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta’ April, 2002, fejn il-konvenut iddikjara li qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza is-socjeta’ attrici qed tilmenta li in esekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid numru 2308/99, fl-ismijiet “Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty”, gew elevati diversi oggetti mill-Moonlight Hall, Burmarrad, li huma proprieta’ taghha. Il-konvenut qed jikkontesta l-kawza billi, bazikament, qed jirrikjedi l-prova ta’ dak li qed jigi allegat.

Is-socjeta’ attrici, fil-kors tal-kawza, ma baqghetx tallega li l-oggetti “kollha” elevati bis-sahha tal-Mandat 2308/99 huma proprieta’ taghha, imma llimitat ruhha ghal dawk l-oggetti li gew elevati fit-22 ta’ April, 1999, bis-sahha tal-Mandat 719/99 u li taghhom saret rikonjizzjoni ghall-fini ta’ dan il-Mandat.

L-oggetti elevati f'dik il-gurnata huma s-segwenti:

16-il *computer* tad-ditta "Gateway"
23 skrivanija tad-ditta BSL
*Photocopier* tal-marka "Canon"
*Fax Machine* tal-marka "Canon"
*Printer* tad-ditta H.P.
*Television* tal-marka "Grundig"
*Video-recorder* tal-marka "Philips"
23 siggu bl-*arm rest* tad-ditta BSL
Mejda ovali u tminn siggijiet
8 *cabinets* tad-ditta BSL

Is-socjeta' attrici ppruvat li l-isem presenti taghha huwa isem gdid li nghata lill-kumpanija f'Marzu tal-2000, u li qabel dik id-data kienet topera taht l-isem ta' R&R Enterprises Limited.

Meta kienet ghadha qed topera b'dan l-isem, hija kienet xtrat l-imsemmija 16-il *computer*, u bhala prova ta' dan esebiet kopja tad-*delivery note* u tal-*invoice* intestati fuq isem il-kumpanija kif ukoll tac-*cheque* li bih sar il-hlas relattiv. L-istess ghamlet b'referenza ghas-siggijiet, skrivaniji, *oval table* u tminn siggijiet, u *cabinets* li hija xtrat minghand The Chair Co. Ltd u Woodline Ltd., it-tnejn membri tal-BSL Group. Ghar-rigward tal-*photocopier*, giet esebita wkoll l-*invoice* relattiva intestata fuq isem R&R Enterprises Ltd, filwaqt li ghar-rigward tat-*television* u l-*video-recorder* giet esebita kopja tal-*invoice sale* li, ghalkemm mhux cara, tindika li l-hlas relattiv sar ukoll mill-kumpanija, kif gie sussegwentement knfermat bl-esebizzjoni tac-cheque relattiv pagabbli lid-ditta venditrici. Ghar-rigward tal-*printer* tad-ditta H.P. giet esebita ricevuta tad-dazju imhallas, u ghalkemm dik l-ircevuta hija mahruga fuq isem socjeta' ohra (dik importatrici), ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonferma li l-hlas sar mill-kumpanija attrici peress li dak il-*printer* kien ordnat u mportat ghaliha. Id-dokumenti relattivi gew kollha konfermati mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Oltre dan, mill-provi jirrizulta li dawn l-oggetti kienu jinstabu fl-ufficcju minn fejn kienet topera l-kumpanija attrici u kienet tuzahom in konnessjoni man-negozju taghha. Kien hemm zmien, hu veru, fejn id-debitur Rudolphe Gaerty, kien jopera in-negozju tieghu ta' *Recruitment Services* minn l-istess ufficcju, pero', dan ma jwassalx ghall-konkluzzjoni li l-magni u l-ghamara fl-ufficcju kienu tieghu. Fil-fatt, kif inghad, irrizulta li dawk l-oggetti ma kienux tieghu, izda tas-socjeta' attrici li kellha s-*sede* taghha f'dak il-bini.

Il-konvenut, meta xehed, qal li l-ufficcju ta' tas-Sliema kien m'ghammar bil-*furnishings* u l-*computers* mehtiega ghall-esercizzju tan-negozju, u fehem li meta Rudolphe Gaerty ittrasloka l-ufficju ghall-Burmarrad, kien ha kollox mieghu. Dan, pero', ma jirrizultax, u konsiderando li Rudolphe Gaerty biddel is-*sede* tan-negozju wara l-Mandat ta' Qbid li sar fl-ufficcju ta' tas-Sliema, mhux probabbli li dan lahaq garr l-ghamara li kellu tas-Sliema ghall-Burmarrad. Fil-fatt, jidher li l-affarijiet li kienu fl-ufficcju ta' tas-Sliema ghadhom hemm, gew elevati bis-sahha ta' Mandat ta' Qbid, u nghataw fil-kustodja ta' konsenjatarju. Fost l-oggetti li gew elevati mill-ufficcju ta' tas-Sliema hemm diversi ghamara, *computers*, *fax machine* u *television,* li jkompli jindika li meta Rudolphe Gaerty beda jahdem mill-ufficcju tas-socjeta' attrici, hu ma garr xejn mieghu u nqeda bl-ghamara u l-magni tas-socjeta' attrici. Barra dan, Ronald Gaerty, direttur tas-socjeta' attrici, kkonferma li meta ibnu beda jopera mill-ufficcju tal-kumpanija Burmarrad, huwa nghata l-facilita' li jinqeda bl-ghamara u l-*computers* tal-kumpanija, kif fil-fatt ghamel.

Il-konvenut, ukoll, ipprova jitfa' dubbju fuq it-*television,* izda mix-xhieda tieghu ma jirrizulta ebda indizju dwar jekk it-*television* maqbud kienx jew le wiehed minn dawk li hu kien halla warajh fl-ufficcju ta' tas-Sliema. Hu stess qal li tul iz-zmien li hu kien involut fin-negozju ma' Rudolph Gaerty, kemm-il darba inbidlu t-*television sets,* u ma setax jghid dawn fejn spiccaw. Min-naha l-ohra, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien kategoriku meta qal li t-*televisions*

kienu proprieta' tal-kumpanija minnu rapprezentata, u fuq dan jinsab koroborat bl-ircevuta minnu esebita.

Dwar il-fatt li dawk l-istess oggetti kienu gew maqbuda bis-sahha ta' Mandat precedenti, u bil-Mandat in kwistjoni saret biss rikonjizzjoni taghhom, dan ma jfissirx li t-talba proposta ma tistax tigi akkolta; ifisser biss li, l-kawza qed tigi trattata fil-limiti tal-Mandat ta' Qbid numru 2308/00, u din il-Qorti ma tistax u mhux ser tidhol fl-effetti ta' Mandati ohra fuq dawk l-istess oggetti.

Il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, hi, ghalhekk, konvinta li l-oggetti in kwistjoni inxtraw minn  u huma ta' proprieta' tas-socjeta' attrici, u mhux tal-persuna debitrici tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li ma tiehux konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni peress li din giet irtirata, u previa li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati, hlief ghall-ahhar parti tat-tielet eccezzjoni li timmerita li tigi akkolta, fl-ewwel lok, tilqa' in parti l-ewwel talba attrici billi tiddikjara li l-oggetti elenkati aktar qabel f'din is-sentenza, li kienu gew elevati fit-22 ta' Apri, 1999, bis-sahha tal-Mandat ta' Qbid numru 719/99, u li taghhom saret rikonjizzoni bil-Mandat ta' Qbid numru 2308/99 fit-13 ta' Mejju 1999, huma ta' proprieta' tas-socjeta' attrici, tiddikjara fit-tieni lok, nulla l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 2308/99 in kwantu jolqot l-indikati oggetti, u fl-ahhar nett, tordna li dawn l-istess oggetti jigu, allura, liberati mill-effetti tal-istess Mandat ta' Qbid numru 2308/99.

Minhabba  c-cirkostanzi tal-kaz (il-fatt li l-kreditur ma kienx jaf  il-provenjenza tal-oggetti maqbuda u l-fatt li s-socjeta' attrici, fil-bidu tal-proceduri, allegat li l-oggetti "kollha" maqbuda kienu jappartjenu lilha), il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ta' din il-kawza jigu sopportati fi grad ta' nofs kull parti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------